Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 228 / 2012

Il-Pulizija

Vs

Kevin Borg

Illum 17 ta' Settembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Kevin Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 330679 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

a. f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Frar 2008 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni

ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat Kevin Borg talli kiser il-kundizzjoijiet ta' sentenza datata 4 ta' Mejju, 2007, u moghtija minn din l-istess Qorti fejn huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu izda gie liberat ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-27 t' April, 2014, fejn il-Qorti wara wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292 / 1939 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u ghal multa ta' elf Euro (€1000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Gunju 2012. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar il-21 ta' Jannar, 2015, fejn il-Qorti, iddecidiet billi tirriforma s-sentenza appellata. Tirrevokha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000) u minflok dwar l-akkuza ta' pussess tad-droga eroina qieghditu taht probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mil-llum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li ghandu jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-'Probation Order' hawn anness li jifforma parti ntegrali minn din is-sentenza. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li huwa jifhem l-effett ta' l-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruhu ma l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Kwantu ghar-reat li dwaru kien originarjament gie dikjarat hati bis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2007 bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta titratta mal-imsemmi Kevin Borg mill-gdid u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

Rat ir-rikors tal-probation officer Saviour Lia ppresentat fl-20 ta' Jannar, 2017, fil-konfront ta' Kevin Borg li bih ghamel denunzja quddiem din ir-rispettabbli Qorti ai termini tal-artikolu 21, tal-Kap446 tal-Ligijiet ta' malta kif emendat bl-Att IV tal-2104.

Espona bir-rispsett:

1. illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kien appuntat Ufficjal tal-Probation ta' Kevin Borg numru tal-Identita 330679 M residenti f' Blk A, Section 1, Flat 8, Housing Estate, Ghaxaq b' numru tat-telefon 9982 7846;

2. illi Kevin Borg naqas li jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficcju u l-Ufficcju tal-Probation, skond id-direttivi moghtija lilu;

3. illi huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficcjal tal-Probation sabiex huwa jindirizza b' mod konkret l-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-esponenti hassu fid-dmir illi jattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Ikkunsidrat,

Rat illi quddiem din l-istess Qorti izda diversament preseduta, nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 ( fol. 44) kien gie miftiehem bejn il-partijiet li f'dan il-kaz partikolari kien siewi li jsir '*a pre sentencing report*'.

Rat illi permezz ta' nota prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Ottubru, 2013, il-Qorti giet mgharfa li l-Probabtion Officer Saviour Lia kien gie nominat biex ihejji dan l-istess *pre sentencing report* skond id-digriet ta' din l-istess Qorti diversament preseduta nhar l-14 ta' Ottubru, 2013.(fol. 53)

Rat ix-xhieda ta' **Saviour Lia** moghtija nhar it-13 ta' Jannar, 2014 fejn stqarr li l-akkuzat gej minn familja tajba u inghata ukoll trobbija b'valuri tajba. Il-problemi bdew meta beda jabbuza mid-droga. Hu beda jabbuza mid-droga lejn l-ahhar tal-adoloxxenza tieghu. Beda kif jibdew hafna nies li jkollhom il-problema, l-ewwel beda bil-problema ta' uzu tal-Cannabis u qaleb ghal fuq l-Ectasy u minn hemmhekk beda ukoll bl-Eroina u l-iktar problema principali li kellu bil-vizzju kienet l-Eroina u Kokajina.

Minkejja li ghal bidu li kien qed jabbuza mid-droga l-Eroina, din ma kienitx qed tikkawzalu hafna problemi fil-hajja personali ghax kien kapaci izomm xoghol u anke relazzjoni stabbli li minnha ukoll kellu tifel, li dak in-nhar li xehed kellu hdax-il sena, izda kien hemm imbaghad perjodu fejn tilef l-impieg u minn hemmhekk hu jghid li kien fattur li ma ghenux biex jipprova jikkontrolla l-vizzju.

Jghid li kien anke ghamel perijodu ix-Shelter minhabba li dan kellu problema kbira ta' droga fejn ghamel madwar xahrejn. Hareg bir-rieda li jibqa' boghod mill-vizzju pero minhabba diversi cirkostanzi kien rega beda jabbuza. Hu spjegalu li dak iz-zmien l-abbuz kien wiehed eccessiv u anke kien jikkonsma l-kokaina u dan kien il-perijodu meta fetah dan il-kaz. Apparti dan il-kaz kellu hafna kazijiet ohra.

Huwa kkonkluda li dakinhar kien anke skonta erba' snin prigunerija u li kien qed jghix hajja piuttost stabbli. Dan anke minn kuntatt li ghamel mal-familja tieghu li raw progress tajjeb u jghid li jekk jinghata sentenza ta' habs taf tkun ghad-detriment ghall-hajja stabbli li kien qed jipprova jghix f'dak iz-zmien. Issottometta ruhu ghal zewg testijiet tal-awrina li irrizultaw negattiv ghal presenza ta' Cannabis, Eroina u Kokaina. Huwa rrakomanda li jkun taht sorveljanza ta' ufficcjal tal-probabtion ai termini tal-artikolu 7 tal- kap 446 tal-ligijiet ta' Malta .

Fiz-zmien meta xehed ix-xhud l-appellant kien dizokkupat u kien qed ifittex impieg u kienet wahda mill-affarijiet il-*care plan* ta' Ordni ta' Probation eventwalment jekk ikollu l-Ordni tal Probabtion li jkun imheggeg biex ikompli ifittex ix-xoghol halli jkollu impieg fiss. Qal ukoll Ii ma kienx ghadu f'relazzjoni ma omm it-tifel li kellu. Qal li pero

ghandhom relazzjoni tajba u ghandu l kura u kustodja tat-tifel pero t-tifel ghandu bond ma ommu minhabba il-hin li qatta' maghha meta l-appellant kien il-habs . Qal ukoll I dehrlu li l-appellant kien sejjer tajjeb bhala vizzju pero kien ghad fadal xi jsir u jadhem dwarha. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok A ( fol. 59) .

Rat is-sentenza ta' din l-Qorti diversament preseduta, moghtija nhar il-21 ta' Jannar, 2015 fejn irriformat is-sentenza appellata in kwantu l-kundanna li l-appellant kellu ta' sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' elf euro ( €1,000) din giet mibdula f' Ordni ta' Probabtion a ternur tal-artikolu 7 tal- kap 446 ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza ta' Probabtion. In oltre kwantu ghar- reat li dwaru kien originarjament gie dikjarat hati bis-sentenza ghar-reat tal-4 ta' Mejju, 2007 bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta din il-Qorti trattat mal-imsemmi Borg mill-gdid u kkundannatu ghall- hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

Rat l-Ordni tal-Probabtion annessa mas-sentenza appena citata ( fol. 98) fejn fost il-kundizzjonijiet hemm imposti hemm is-segwenti:-

7 " *li jibda u/jew jikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga minghajr interruzzjoni kif jigi suggerit lilu mill-Ufficcjal tal- Probabation tieghu u li jiehu kwalunkwe kura ohra u jibda u jkompli kwalunkwe program ta' rihabilitazzjoni jew trattament iehor li jigi indikat mill-Ufficcjali tal-Probabtion sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga u li joqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuh il-persuni u/jew agenziji li jigi riferut lilhom mill-Ufficcjal tal -Probabtion.*

8. *Li jmur ghal dawk l-appuntamenti li jigu fissati ma professjonisti u li jikkonsulta mal-professjonisti kollha li jigu riferuti lilu mill-Ufficcjal tal- Probabtion u li joqghod ghal kul istruzzjoni li dawk il-professjonisti jaghtuh.* "

L-Ufficcjal gie ukoll ordnat li ghandu jgib a konjizzjoni tal- Qorti Kriminali permezz ta' rikors ta denunzja il-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet jew xi wahda minnhom.

Rat ir-rikors tad-denunzja prezentat fl-atti fl-20 ta' Jannar, 2017 ( fol. 107) mill-Probabtion Officer Saviour Lia , fejn gie *inter alia* premess is-segwenti:-

*" li bis-sentenza imsemmija hawn fuq kien appuntat l-Ufficcjal tal Probabtion ta' Kevin Borg.*

*Li Kevin Borg naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma l-Ufficcjal tal-Probabtion skond id-direttivi moghtija lilu*

*Li huwa naqas mili joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficcjal tal Probation sabiex huwa jindirizza b'mod konkret l-vizzji tad-droga".*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-24 ta' Jananr, 2017 (fol. 108) fejn l-Qorti ordnat notifika ta' dan l-istess rikors lill-Avukat Generali u b'digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2018 appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

Rat in-nota tal-Probabtion Officer Carmen Nygard li biha avzat lil din l-Onorabbli Qorti li kien hemm bidla fl-ufficcjal tal probabtion tad-denunzjat u minflok Saviour Lia kienet giet nominata Joanna Farrugia sabiex tkompli ssegwi s-sentenza tal-21 ta' Jannar, 2015.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2019 xehdet il **Probabtion Officer Joanna Farrugia** fejn qalet li hija hadet il-kaz minghand il Probabtion Officer Saviour Lia u meta kienet kelmet lid-denunzjant rat li ma kienx konsistenti meta kien ikellimha u ma kienx imur ghal-laqghat li kienet tiffissa. Tghid li baqa' jghamel uzu mid-droga. Tghid li kienet ghamlet appuntament mas- Sedqa sabiex l-akkuzat ikun jista jibda jittratta b'mod serju l-probelma li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga pero l-akkuzat ma zammx l-appuntament.

Qalet li ma ried jaf b'xejn . Qalet li l-akkuzat ma kienx qed jahdem lanqas u lanqas irnexxilu jieqaf mill-uzu tad-droga. Dak in-nhar stess seduta stante d-denunzjant inghata appuntament mill-Qorti sabiex fil-jum tal-20 ta' Mejju 2019 imur ghand il-Probabtion Officer u jghati kampjun tal awrina tieghu sabiex jkun jsita jigi ezamiant jekk ghandux xi tracci ta' droga.

Fit-23 ta' Mejju, 2019 regghet xehdet il Probabtion Officer u kkonfermat li nhar l-20 ta' Mejju 2019 d-denunzjant mar ghandha u ta kampjun tal-awrina li halla rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga Eroina.

Qalet li meta l-kaz kien gie ghandha l-Probabtion Officer ta qabilha kien gja pprezenta id-denunzja in kwistjoni pero ghal xi raguni tghid li din damet sena biex tigi appuntata, u cioe sa ftit jiem qabel ma kellha tiskadi l Probabtion Order. Tghid li d-denunzjant ghamel kuntatt maghha darba f' Marzu, 2017 u darb ohra f'Marzu, 2018 meta kien mar minghajr appuntament. Kienet tatu appuntament iehor izda ma zammux u ma ghamel l-ebda kuntatt regolari.

Meta bdiet tinstema d-denunzja tghid li zamm kuntatt maghha ghalkemm kien ghadu mhux konsistenti . Qalet li l-ka zkien qed jinstema quddiem gudikant iehor u dan kien tah chance pero cio nonnostante baqa' jabbuza mid-droga tul iz-zmien kollu . Tghid li kien tah jibda programme is Sedqa , Tghid li kienet attendiet laqgha mieghu dwar assessment pero dak iz-zmien tghid li kienu idumu hafna u kienu ghaddew xi tlieta jew erbgha xhur qabel ma gie assenjat lilu key worker pero mbaghad xorta ma marx u fl-ahhar tas-sena 2018 ghalqu l-kaz tieghu. Fil-fehma taghha ma jdihirlhiex li d-denunjant rega ghamel kuntatt mas-Sedqa wara dak in-nhar . Mistoqsja kemm idum fis-sistema tal-bniedem timmarka id-droga Eroina tghid li kwistjoni ta' ftit granet biss min hamsa sa sebat ijiem . Qalet ukoll I id-denunzjant stqar maghha li l-uzu tieghu hu wiehed regolari ta' kul gimgha. Mistoqsija jekk fetahx xi kazijiet ohra wara li inghata din l-istess probabtion li qed issir id-denunzja dwarha tghid li sa fejn taf hi ma kienx hemm. Qalet li d-denunzjant pero kien qed jahdem.

Illi nhar l-4 ta' Gunju, 2019 regghet xehdet il- Probabtion Officer u spjegat li kienet tatu zewg appuntamenti wiehed ghas-27 ta' Mejju, 2019 u l-iehor ghat Tnejn li ghadda u kellu jmur fit-3.00m. Dan cemplilha u qallha li kien sejjer tard fit-3.30pm. Stennietu minkejja li tispicca xoghol fit-3,00p.m u ghamlet siegha mieghu biex jipprova itiha

kampjun tal- awrina izda ma irnexxilux. Imbaghad in-nurse ried jitlaq ghax kien sarlu l-hin u ghall-habta tal-4.15 telaq ghaliex ma setax jghaddi l-awrina .

Fis-seduta tat-30 ta' Mejju, kellha tipposponi ghax ma kienx ser ikollhom nurse u tatu appuntament ghal lejliet 3 ta' Gunju, 2019 u cemplitilha ommu u qaltilha li kien qieghed l-isptar ghax kellu xi problema fl-irkoppa.

Qalet li tkelmet mal-*key worker* li kellu qabel id-denunzjant u dan ikkonfermalha li l-appellant ma kienx ghamel kuntatt mieghu sa Frar li ghadda salv ghal gimgha ta' qabel ma xehdet pero peress li l-kaz tieghu kien inghalaq irid jerga jigi fuq il-*waiting list* u ma hux garantiti li jkun hu li jerga isegwih jaf jigi assesnjat *key worker* iehor. Hija pprezentat email li irceviet minn dan il key worker Aaron Azzopardi li giet markata bhala dok Z.

Qalet li lejliet id-denunzjant kien mar ikellem tabib fl-ispizerija ta' Hal Ghaxaq u ta kampjun tal-awrina u tah l-envelope mghaluq bir-rizultat allegatament tieghu u wara wera r-rizultat tat-test lilha, li kien wiehed posittiv ghall-presenza ta' Cannabis pero t-tabib kien qallu li ma riedx jitla' jixhed dwaru.

Qalet li s-sitwazzjoni illum hi li d-denunzjant irid jerga jitqiegehd fuq il *waiting list* biex jigi assenjat *key worker* imbaghad wara li jidher li jkun hemm xi motivazzjoni kun jista jigi preparat ghall program. Dan jaf idum ix xhur pero.

Dak in-nhar stess tal-4 ta' Gunju, 2019 l-Qorti ordnat li d-denunzjant jerga jaghti kampjuni tal-awrina tieghu biex jergghu jigi ezaminat u stqarret fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2019 li taw rizultat posittiv ghad- droga.

Illi ghalhekk jirrizulta li minkejja li d-denunzjant inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu u jehles mill-vizzju mishut ta' abbuz ta' droga dan ma tghallimx u ma gharafx jisfrutta l- opportunitajiet li inghata biex jindirizza dan il-vizju. Jinghad li din il-Qorti diversament preseduta kienet irriformat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn kien gie kkunannat sentenza effettiva ta' prigunerija billi minflokk is-sitt xhur li kien gie kkundannat ighamel iddecidiet li tpoggih taht Ordni ta' Probabtion ghall

perijodu ta' tlett snin taht il-kundizzjoni pero li jindirizza din l-problema. Jidher pero li minkejja li ghaddew erbgha snin mid-data ta' din is-sentenza d-denunzjant baqa' ghaddej jabbuza mid-droga.

Ikkunsidrat.

Illi dan huwa kaz fejn i-denzjant kien deher quddiem l-ewwel Qorti akkuzat inter alia bir-ret ta pusess ta droga u fit-tieni lokli kisser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 4 ta Mejju 2007 fejn ukoll kien gie akkuzat bir-reat ta' pusess ta droga ejn kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta sentejn. Illi jirrizulta li l-akkuza li instab hati taghha nhar is-27 ta April 2012 kieent titratta dwar ir-reat ta pusess ta droga li kien sehh fis-27 ta Frar 2008 u cioe entro il-perijodu ta' sentejn meta kellu impost fuqu l-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor.

Ghalhekk mhemmx dubbju li s-sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminal inhar is-27 ta April 2012, u in segwitu konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-21 ta Jannar 2015 huma korretti.

Illi pero' minkejja li d-denunzjant inghata din l-opportunita kif imsemmija fis-entenza tal-Qorti tal Appelli kriminali nhar il-21 ta Jannar 2015 u cioe li jisufruxxi ruhu mill-ordni tal probation li inghatata lilu ghazel li jinjora tali opportunita u jisfida lil din il_Qorti billi jkompli fit-triq ta tehid u abbuz ta droga. Dan ghal din il-Qorti mhu xejn hlief sfida sfaccjata u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinjora din l-attitudni tad-denunzjant.

Din il-Qorti ukoll kienet hanina mad-denunzjant u tatu chance sabeix jiprova jirrabilita ruhu u izomm il-boghod mit-tehd ta droga u minkejja li din il-Qorti spejgatlu kemm il-darba li ghandu mannara fuq rasu u jekk jizbalja ser ikollu iwiegeb ghall-konsgwenzi taghha xorta ghazel li iwebbes rasu u jkompli jiehu u jabbuza mid-droga. Din id decisjoni tieghu hija wahda zbaljata u ghalhekk illum ilgurnata din il-Qorti m ghandha

l-ebda triq ohra salv li turi lill-istesss denunzjant l-id kiefra tal-Qorti u cioe dik tal-Gustizzja. Jignahd li l-piena li ser jiffaccja hija dik li seta jevita li kieku segwa l-ordnijeit li inghataw lili minn zmien ghal zmien mill-probabtion officers tiehgu minflok ma dahhal rasu fir ramel u injora kul direzzjoni idoenja li inghata lilu.

Jidher li l-fedina penali tad denunzjant ma hiex xi wahda immakolata tant li anke ghamel zmien il-habs pero' cio' noonsotante li airidx jirriforma ruhu u jiehu hajtu bis-serjeta Dan hu kaz ta pusess ta droga veru li l-ammont huw anegligibbli u de minimis ghaliex huma biss tracci pero din il-Qorti rat tul da nil-process li r-reida tieghu li jehels minn da nil-vizju mishut mhiex qeda hemm F'dan il-kaz veru li ma hemmx vitmi izda l-persuna tieghu biss pero din il-Qorti xorta ghandha l-obbligu li tipprotegi lid-denunzjant millli jippersisti li ighamel hsara lil hajtu ghaliex huwa ukoll huwa cittadin ta din l-istess socjeta.

Huwa minnu kif stqarret l-avukat difensur tad-denunzjant li din il-Qorti ma tista tapplika l-artikolu 23 tal-kap 446 tal ligijeit ta Malta u dan ghaleix d-denunzant ma hux qed jiffaccja akkuzi dwar kommissjoni ta reati ohra fil-pendenza ta ordni ta probabtion izda qed jiffaccja akkuza talli naqas li jobdi l-ordnijeit imsemmija fl-Ordni tal probabtion li huw ainghata minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il21 ta Jannar 2015. Din il-Qorti tara li l-artikolu li japplika ghal kaz in dedamina huha dak skond l-artikolu 21 tal kap 446 u cioe dak li jikkoncerna Ksur ta' kondizzjonijiet. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

21.(1) "*Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qortital-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew **<u>il-Qorti tal-Appell Kriminali</u>**[1], skont il-każ, tkun tal-fehma li min ikun taħt probation ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt* probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista', *jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta' min ikun taħt probation:*

[1] Sottolinear ta din l-Qorti

*Iżda ħlief meta n-nuqqas allegat jinġieb għall-attenzjonital-qorti permezz ta' rikors mill-uffiċjal tal-probation,m'għandhom jinħarġu ebda tali taħrika jew mandat mill-Qorti rispettiva, ħlief meta tingħata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'ġurament.*

*F'kull każ l-informazzjoni għandha tiġippreżentata fi żmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikun taħt probation:*

*Iżda wkoll il-Qorti għandha tappunta għas-smigħ ir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-imsemmi rikors".*

Jidher li huwa minnu kif ukoll irrilevat id-difiza li dan ir-rikors ta' denunzja tal-Probabtion Officer gie appuntata minn din il-Qorti diversament rpeseduta fi zmien oltre dak stipulate mill-ligi u cioe fi zmien ghoxrin jum mill-prezentata tar-rikors tal Ufficcjal tal Probabtion . Dan qed jignahd ghaleix mill-atti jirrizulta li filf-att ir-rikors gie prezentata nahr l-20 ta Jannar 2017 (fol.107) u din il-Qorti appuntata ghas smiegh ghal 16 ta' Jannar 2018 b'digriet taghha tat-8 ta JAnnar 2018 ( fol. 110).

Jigi rilevat pero li dan it-terminu ma hux wiehed ta dekadenza u cioe jekk ma jigi osservatil-ligi ma tippreskrivi l-ebda sanzjoni jew nulita f'dan ir-rigward u ghalhekk ghalkemm huwa desireabbli li t-termini jinzamm f'kaz li ikun hemm tali nuqqas u cioe nuqqas tal-qorti da nil-fatt ma jaffettwax l-kaz tad denunzjant.

Id-denunzjant meta gie rinfaccjat b'rikors bhal dan messu ghamel hiltu kollha biex juri lil Qorti li jiddispjacih ta' dan in-nuqqas tieghu u li kien ser jghamel hiltu kollha biex jirregola ruhu ahjar u mhux ikompli jiehu d-droga anke waqt il-proceduri odjerni li damu ghaddejjin ghal zmein kosnderevoli bl-isepranza li d-denunzjant ibiddel hajtu.

Illi ghalhekk il-piena applikabbli ghal dan in-nuqqas hija dik preskritta fis-sub artikolu (2) tal artikolu 21 tal kap 446 tal-ligijiet ta Malta li jiddisponi s-segwenti:-

(2) *"Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn utnejn u tletin euro u erbgħa*

*u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista'tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat".*

Illi d-difiza stqarret li l-ammont ta' droga involuta f'dan il-kaz huwa wiehed *de minimis*. Dan il-fatt ma giex kontestat u minn esami tal –istqarrija rilaxxjata mid-denunzjant nhar is-27 ta' Frar, 2008 markata bhala dok DT1 a fol 7 tal-atti, jirrizulta li l-prosekuzzjon qed tallega li fil-vettura tieghu instabet mgharfa li kellha tracci ta' Eroina fuqha u ghalhekk id-denunzjant f'dan il-kaz kellu biss pusess ta' tracci. Minkejja li l-ammont misjub mill-pulizija kien zghir jew negligibbli l-animu tad-denunzjant hu kbir u dan ghaliex baqa' jippersisti fit-tehid ta' droga. Din il-Qorti pero ghandha u sejra biss tippunixxi lid-denunzjant dwar dan l-ammont negigibbli.

Id-difiza sostniet li din il-Qorti ghandha tapplika l-ammenda imsemmija fil-kapitolu 537 tall-ligijiet ta' Malta u cioe dik preskritta fl-artikolu 4(1) li jipprovdi li l-hati ghandu jigi kkundannat ihallas penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125).

Din il-Qorti pero' issostni li f'dan il-kaz konfrontata bir- ras iebsa tad-denunzjant hija tal-fehma li l-piena li ghandha timponi hija dik naxxenti mill-artikolu 21 (2) tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u cioe l-ammenda massima ta' mitejn utnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94),

Ghalhekk din il-Qorti qeda tiddikajra li qed issib lid-denunzjant hati tar reat ta pusess ta droga u talli ksier il kundizzjoni ta' sentenza datata 4 ta' Mejju 2007 moghtija lilu fl-ismijeit premessi mill-Qorti tal Magistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qeda wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe ir- regolament tal- 1939 dwar il- kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) sussegwetement emendat u bi skur tal- Ordinanza dwar il- Medici Perikoluzi kap 101 tal -ligijiet ta Malta u l-artikolu 22 tal kap 446 tal -ligijeit ta' Malta qiegdha fir rigward ta l-ewwel akkuza tikkundannah ihalals l-ammenda massima ta' mitejn utnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94),

u fir rigward tat-tieni akkuza tikonferma l-multa inflitta fis-sentenza ta' din l-istess Qorti tal-21 ta Jananr 2015.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur